# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 712/97

Francis Grech

vs

Commander Armed Forces of Malta u b' digriet tad-9 ta' Novembru 1999 Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 1 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1988 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatajtx promozzjonijiet li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal fl-Armata ta’ Malta fl-1978 bhala Gunner, wara li kien spicca minn 18 il-sena servizz bhala Admiralty Constable mal-Armiraljat.

Fl-1988 kien ghamel il-Cadre Course, liema course kien jikkwalifikah ghall-promozzjoni.

Bejn l-1988 u l-1989 kienu hargu promozzjonijiet, izda huwa kien inqabez minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu.

Fl-1990 regghu hargu l-promozzjonijiet u huwa kien gie promoss ghall-Lance Bombardier.

Fl-1992 u l-1995 kienu regghu hargu promozzjonijiet ohrajn u huwa rega’ gie maqbuz minn ohrajn li kienu Juniors tieghu u ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, seniority u esperjenza daqsu.

Li kieku huwa ma nqabizx f’dawn il-promozzjonijiet, billi huwa ghandu l-kwalifiki necessarji, kieku kien spicca mis-servizz bir-rank ta’ Bombardier.

Ghaldaqstant huwa hass li hu gie mtellef l-opportunita’ li javvanza fil-karriera tieghu ngustament u b’hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjonijiet kollha li gie mtellef u li jigi kkumpensat ghal dak li tilef ingustament u li ssirlu aggustament fil-pensjoni tieghu, jew inkella hekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(B) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi r-rikors fl-istat li gie notifikat lill-intimat huwa inammessibbli peress li mhuwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-artikolu 7(2)(A) ta' l-Att VIII ta' l-1997.
Illi ma saru -ebda promozzjonijiet fil-1995 u li l-ewwel ezercizzju tal-promozzjonijiet li sar wara dak tal-1992 kien fit-3 ta' Marzu 1996. Illi jekk ir-rikorrent qed jirreferi ghal dan l-ezercizzju wiehed irid jghid li r-rikors huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992, dawk li gew promossi kienu kollha senior tar-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' regolamenti applikabbli, cioe' l-avviz legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Gunju, 1999, l-intimat irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet u cioe''dik riferibbli ghall-artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati, u tal-artiklou 7 (2) (a) tal-Att VIII tal-1997.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li ghamel diversi korsijiet sakemm irtira mill-Armata - l-A3 u l-B3, il-Cadre Course "li kien intiz biex minn gunner tilhaq kapural. Ghamilna dan il-kors xi tnax il-ruh u mill-RSC (Revenue Security Corps) ghamilnih hamsa. Tlieta saru Lance Bumbardier u tnejn minna ma sirnix.
Nghid li fost dawk li saru kien hemm certu GNR Pace (149 jew 249) li sar. Dan ma kellu xejn aktar minni anzi kellu seniority ta' erba snin anqas minni, jigifieri dahal fl-Armata erba' snin warajja."

Lt. Col. Schembri ipprezenta kopja tal-promozzjonijiet li saru fir-Revenue Security Corp b`effett mill-15 ta` Mejju 1988. Ir-rikorrent jidher shaded bil-griz, it-tielet wiehed, mhux ghax ha promozzjoni imma biex jigi muri postu fis-seniority. Ipprezenta wkoll lista ta` promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992. L-istess, isem ir-rikorrent jidher shaded bil-griz. Huwa l-ahhar wiehed fil-

lista minn lance bumbardier ghal bumbardier, il-promozzjonijiet li saru fir-Revenue Security Corp.

Spjega li f' Ottubru tal-1990 saret promotion exercise ohra fejn ir-rikorrent kien lahaq minn gunner ghal lance bumbardier. Din kienet biss f`dan il-grad fl-Armata. Eventwalment fl-1992 kien hemm il-promozzjonijiet minn Lance Bumbardier ghal Bumbardier. Il-pozizzjoni tar-rikorrent qieghda isfel nett. Kieku l-promozzjoni tal-1988 kien hadha hu kien jigi fil-pozizzjoni ta' qabel Joseph Roberts.

Zied jghid : "Ir-rikorrent hadem mieghi bejn Jannar 1993 sa meta rtira fl-1997. Illum il-gurnata r-rikorrent irtirat. Hu rtira bhala lance bumbardier. Ir-rikorrent gieli anke kien id-driver tieghi personali u kellu x' jaqsam mat-transport. Ghandi nghid li xogholu kif jaghmlu b' mod metikoluz u tajjeb. Fl-1988 ma jidhirx li hemm ragunijiet ghaliex intghazlu ohrajn flok Grech. Fl-1992 ma nistax nghid li nqabez ghax hu kien l-ahhar wiehed fil-lista ta' Lance Bumbardiera.'

Daniel Bottiglieri li kien jokkupa l-post ta' Lieutenant fl-Armata xehed li kien fir-Revenue Security Corps, u r-rikorrent kien ghadu gunner fis-sezzjoni tieghu. Semma li dwar il-promotions tal-1989 kien isir assessment tal-performance tan-nies fl-armata. Il-performance tar-rikorrent kienet tajba, xogholu kien jaghmlu, u kien ubbidjenti. Joseph Roberts, John Louis Micallef, William White, Raymond Pace u Emanuel Azzoppardi u nghid li dawn kienu rakkomandabbli wkoll bhar-rikorrent, kollha fl-istess qoffa.

Maggur Krispin Camiileri xehed li spicca mill-Armata fl-1993. Semma li dwar il-promozzjonijiet fl-1989 b' effett mill-1988, kien irrakkomanda lir-rikorrent ghall-promozzjoni. Hu kien ghamel il-Cadre Course u kien ghadda. Semma li ma jafx raguni ghaliex ir-rikorrent ma kellux isir. Qal li r-rikorrent kien driver ta' Major Sultana u meta telaq Major Sultana kien zammu mieghu. Qal: "Meta jiena rrakkomandajtu sintendi li jiena kont nemmen li kellu jigi promoss ghax kieku ma kontx nirrakkomandah."

**KONKLUZZJONI:**

Hemm diversi ilmenti tar-rikorrent u dawn iridu jigu ezaminati wiehed wiehed. L-ewwel ilment hu li fl-1988/89 ma giex moghti l-promozzjoni minn Gunner ghall-Lance Bombardier. Mill-iskeda a fol 14 tal-process jirrizulta li r-rikorrent gie maqbuz minn hames persuni li kellhom seniority anqas minnu. Bhala Army Certificate of Education hadd minn dawk li saru ma kellu kwalifiki. Dwar Trades hu kellu sewwa aktar minn Gunner Emmanuel Vella li sar, daqs Paul Attard li sar, daqs Joseph Roberts li qabzu, aktar minn Micallef, White, u Pace li qabzuh, u ferm aktar minn Azzopardi li qabzu wkoll. Hemm il-Cadre Course fejn kollha [hlief ghal White] li gabu marka aktar minnu.

Issa fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew

kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ma irrizultawx ragunijiet validi ghaliex dawk li qabzu lir-rikorrent kellhom jaqbzu. Issa dwar ir-rikorrent irrizultaw xi elementi negattivi? Lt Col Schembri semma li r-rikorrent kien jaghmel xogholu b' mod metikoluz u tajjeb. Daniel Bottiglieri xehed li l-performance tar-rikorrent kienet tajba, xogholu kien jaghmlu, u kien ubbidjenti. Maggur Krispin Camiileri xehed li kien irrakkomanda lir-rikorrent ghall-promozzjoni u li ma jafx raguni ghaliex ir-rikorrent ma kellux isir. Meta r-rikorrent spicca minn driver tal- Major Sultana zammu mieghu, u dan juri li r-rikorrent kien ta' min izommu. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar dawn il-promozzjonijiet.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar il-promozzjonijiet tal-1992. Sa dan it-tant fl-1990 ir-rikorrent kien lehaq Lance Bombardier. Fil-promozzjonijiet tal-1992 hu gie mholli barra izda ma jistax jghid li inqabez f'dak l-ezercizzju minhabba li postu b'seniority dak iz-zmien kien kif jirrizulta fl-iskeda. Jirrizulta b'mod car li kieku kien ha l-promozzjoni fl-1988 kien ikun qabel Roberts u ghalhekk kien

jiehu din il-promozzjoni wkoll. Dak li inghad fuq dwar seniority, u kwalitajiet tar-rikorrent huma applikabbli ghal dan il-kaz ukoll. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Fl-ahhar ir-rikorrent ilmenta mill-promozzjonijiet tal-1995. Jinghad li ma saru b-ebda promozzjonijiet fil-1995 u li l-ewwel ezercizzju tal-promozzjonijiet li sar wara dak tal-1992 kien fit-3 ta' Marzu 1996. Jekk ir-rikorrent irrefera ghal dan l-ezercizzju wiehed irid jghid li r-rikors huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat fejn jirrigwarda l-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1992, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv minhabba li r-rikorrent spicca mill-Armata meta rtira fl-1997, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlitt telef lira [LM3000]

Spejjez kontra l-intimat.